MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 675/2006

**Mobisle Communication Ltd C24655**

**vs**

**Manicolo Glorianne**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta hall-hlas ta' mija u sebghin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (LM170.22.) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Ltd skond *Client Contract Number* 8545 in konnessjoni ma servizz lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Jannar, 2005 u Mejju, 2005) li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-22 ta'Gunju, 2006, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentata kontestwalment ma din il-kawza, dawk ta' l-ittra ufficjali lil banek ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat mill-PL Peter Sammut fl-1 ta' Novembru, 2006;

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it- Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------